MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 361/2005

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Etrugrul Ramazan (ID 191900L)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u erba' liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm2,504.93) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizz tat-telefon bin-numru 315613, (skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A u Dok B).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma dehrex, la fil-5 ta’ Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------